

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2022/2097**tas-27 ta' Ottubru 2022****dwar il-ħatra tal-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali għall-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) (EUMAM Ukraine/2/2022)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1968 tas-17 ta' Ottubru 2022 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Ottubru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968 dwar Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine).
- (2) L-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968 jipprevedi li Stat Membru għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni Kmand ta' Taħriġ Speċjali (ST-C) multinazzjonali li għandu jmexxi attivitajiet ta' taħriġ fit-territorju tiegħu.
- (3) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/1968, il-Kunsill awtorizza lill-Komitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-ħatra tal-Kmandanti tal-UE għall-EUMAM Ukraine, inkluż il-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali.
- (4) Fil-21 ta' Ottubru 2022, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE rakkomanda l-ħatra tal-Logutenent Ġeneral Andrea MARLOW bħala l-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali.
- (5) Fl-24 ta' Ottubru 2022, il-Komitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.
- (6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Logutenent Ġeneral Andreas MARLOW bħala l-Kmandant tat-Taħriġ Speċjali għall-EUMAM Ukraine mis-27 ta' Ottubru 2022,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Logutenent Ġeneral Andreas MARLOW huwa b'dan maħtur Kmandant tat-Taħriġ Speċjali għall-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) mis-27 ta' Ottubru 2022.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Komitat Politiku u ta' Sigurtà**Il-President*

D. PRONK

⁽¹⁾ ĠU L 270, 18.10.2022, p. 85.